KLR 37/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Micahel Portelli, Michel Buttiġieġ u Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Skużati:- Il-membri Joe Debrincat u Carmel Theuma.

**1.Talba**

Inqalet it-talba.

**2. *Victoria Playing Field***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-bord tal-aġġudikazzjoni tal-ewwel offerta tal-*playing field* iltaqa' u bgħat xi kjarifikazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Kuntratti. L-istess bord għandu jerġa' jiltaqa' sabiex jiġi finalizzatt il-proċess tal-aġġudikazzjoni fuq din l-offerta.

**3. *Victoria – A Portrait of a City***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-gażżetta 'The Times' tat *coverage* tajjeb fuq din il-pubblikazzjoni. Dan il-ktieb ser jibda' jinbiegħ €55. Il-membri qablu li:- (i) il-prezz lill-ħwienet Għawdxin għandu jkun ta' €35, (ii) il-Kunsill iqabbad *distributor* sabiex il-ktieb jinbiegħ fil-ħwienet Maltin, (iii) bit-Taljan jinbiegħu biss mija u (iv) jitqabbad ukoll Manuel Grima biex ibiegħ dan il-ktieb li jgħatijulu €5 inqas.

**4. Korrispondenza**

Tressqet din il-korrispondenza mingħand:-

4.1 il-MEPA rigward siġar fil-*playing field*. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ntalab il-permess lill-Awtoritajiet konċernati sabiex siġra taċ-Ċipress titneħħa peress li mietet u siġra oħra tal-Għarar titranġa peress li nqalbet fuq ġenb bir-riħ;

4.2 it-Transport Malta (TM) fejn talbu l-vedutri tal-Kunsill rigward parkeġġ riservat għall-taxi fiċ-Ċittadella. Il-Kunsill ma qablix ma dan peress li l-ispazju hu limitat u fi Pjazza Indipendenza hawn sitt parkeġġi oħra riservati għat-taxis;

4.3 Geroge Cefai li talab *one metre single yellow line* maġenb il-garaxxijiet tiegħu fi Triq Sir Arturo Mercieca. Il-Kunsill ser jitlob il-permess tat-TM;

4.4 Thomas Sacco li talab *double yellow line* quddiem il-bieb tiegħu, 54, fi Triq Alfons Maria Ħili. Dan minħabba li m'hemmx bankina u qed jipparkjaw eżatt mal-bieb b'tali mod li hu ma jkunx jista' jidħol id-dar. Ser jintalab il-permess tat-TM;

4.5 ARMS Ltd. fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nqata' d-dawl ta' Pjazza Indipendneza. Is-Sindku diġa' tkellem mal-Engineer tal-Enemalta minħabba l-fatt li bħall kull pjazza oħra, Pjazza Indipendenza għandha tkun mixgħula mad-dawl tal-Gvern;

4.6 Charles Beżżina li kiteb il-ktieb 'Kwadri tal-Imgħoddi'. Il-Kunsill se jixtri 10 kopji.

**5. Materji Oħra**

Il-membri qablu li :-

5.1 jiġi rappurtat lill-Pulizija li xi bejjiegħa tal-monti qed iħallu t-tined armati matul il-lejl;

5.2 titranġa kantuniera li qedgħa l-barra qrib blokk G fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla;

5.3 id-dawl tal-art ta' Pjazza San Ġorġ jitranġa wara l-festa ta' Santa Marija;

5.4 jitranġa d-diżlivell żgħir li hemm quddiem *blocks* EA u EB. Dan ġie kkawżat meta saru l-bankini ġodda;

5.5 id-dawl tal-*playing field* taċ-Ċawla jitniżżel fl-offerta li jmiss fil-proġett li qed ikun iffinanzjat mill-Awtorita' tad-Djar.

5.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li ltaqa' mas-CEO tal-Awtorita' tad-Djar, Dr. Albert Buttiġieġ rigward il-proġett li qed isir fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla. Billi kienu qed jinqalgħu xi diffikultajiet minħabba li fil-proġett kienu nvoluti kemm il-Perit tal-Kunsill u kemm il-Perit tal-Awtorita' u x-xogħol kien qed jieħu żmien aktar milli suppost, sar qbil li l-Perit għandu jkun tal-Awtorita'. Dan anke' minħabba l-fatt li dan il-proġett qed tiffinanzjah l-Awtorita,. Dan wara li ġie kkonsultat ukoll il-Perit tal-Kunsill u li ma sab ebda' oġġezzjoni. Fil-laqgħa mas-CEO, ġie deċiż ukoll li l-Perit tal-Awtorita' jgħamel lista ċara ta' x'għandu jgħamel eżatt il-kuntrattur.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħat 8 t'Awwissu 2012 fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |